**L-Erbgħa 17 ta' April 2013**

P7_TA(2013)0174

# Għajnuna finanzjarja lill-Istati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi faċilità biex tingħata għajnuna finanzjarja lill-Istati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro (COM (2012)0336 – 2012/0164(APP))**

(2016/C 045/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Kunsill (COM(2012)0336) (il-'proposta BoP'),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikoli 143 u 352 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2011 għal Regolament mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri li qed jesperjenzaw jew li huma mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom fiż-żona tal-euro, l-emendi tiegħu adottati mill-Parlament fit-13 ta' Ġunju 2012 u t-test proviżorju tal-ftehim finali mal-Kunsill ([1]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2011 għal Regolament mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv ta' Stati Membri fiż-żona tal-euro, l-emendi tiegħu adottati mill-Parlament fit-13 ta' Ġunju 2012 u t-test proviżorju tal-ftehim finali mal-Kunsill ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002, li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2012 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar ir-rapport tal-Presidenti tal-Kunsill Ewropew, tal-Kummissjoni, tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-Grupp tal-euro bit-titolu "Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Ġenwina" ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 81(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport interim tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7–0129/2013),

A. billi, skont l-Artikolu 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi bi qbil ma' proċedura leġiżlattiva speċjali, se jadotta regolament dwar l-istabbiliment ta' faċilità biex tingħata għajnuna finanzjarja lill-Istati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro, billi jaġixxi b'mod unanimu, wara li kiseb il-kunsens tal-Parlament;

B. billi faċilità għall-bilanċ ta' pagamenti (BoP) ġiet stabbilita fl-2002 mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002, li jippermetti għajnuna finanzjarja lill-Istati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro;

C. billi l-ammont totali disponibbli f'dik il-faċilità żdied mill-ammont inizjali ta' EUR 12 000 miljun għal EUR 25 000 miljun f'Diċembru 2008 u għal EUR 50 000 miljun f'Mejju 2009, bħala rispons għall-kriżi finanzjarja; billi mill-EUR 50 000 miljun, EUR 13 400 miljun ngħataw lir-Rumanija, il-Latvja u l-Ungerija, flimkien ma' riżerva prekawzjonarja ta' EUR 1 400 miljun lir-Rumanija;

(1) Testi adottati, 12.3.2013 (P7_TA-PROV(2013)0069 ('id-dokument ta' 'Gauzès').
(2) Testi adottati,12.3.2013 (P7_TA-PROV(2013)0070 ('id-dokument ta' 'Ferreira').
(3) ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1.
(4) Testi adottati, P7_TA(2012)0430.

**L-Erbgħa 17 ta' April 2013**

D. billi l-Ungerija, ir-Rumanija u l-Latvja kienu l-ewwel Stati Membri li talbu u bbenefikaw mill-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni fil-bidu tal-kriżi finanzjarja u ekonomika permezz ta' faċilità għall-bilanċ ta' pagamenti; billi l-kriżi ekonomika u finanzjarja laqtet serjament ħafna Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro;

E. billi l-kriżi ekonomika globali kellha impatt qawwi fuq l-Istati Membri kollha, u pprovokat deterjorament tad-defiċit pubbliku, tal-bilanċ ta' pagamenti u tad-dejn globali tagħhom;

F. billi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES), li ġie stabbilit f'Ottubru 2012, huwa l-mekkaniżmu ta' appoġġ ewlieni għal Stati Membri fiż-żona tal-euro, b'kapaċità ta' self ta' EUR 500 000 miljun, provduti minn kapital sottoskritt; billi fil-ġejjieni l-MES se jkun jista', skont ċerti kundizzjonijiet, jiffinanzja b'mod dirett il-banek li jinsabu f'diffikultà;

G. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2012, il-Parlament talab li l-MES jevolvi favur ġestjoni bbażata fuq il-metodu tal-Komunità, li jagħti rendikont lill-Parlament u li d-deċiżjonijiet ewlenin, bħall-għoti ta' għajnuna finanzjarja lil Stat Membru u l-konklużjoni ta' memorandums, għandhom ikunu soġġetti għal skrutinju xieraq mill-Parlament;

H. billi huwa ta' importanza kritika li l-faċilità jkun fiha kemm mekkaniżmi ta' responsabilità demokratika kif ukoll kunsiderazzjoni tal-funzjonament tal-parlamenti nazzjonali;

I. billi l-proposta BoP ma tipprevedix li Stati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro jibbenefikaw minn strumenti finanzjarji li huma għal kollox komparabbli ma' dawk fil-MES għad-dispożizzjoni tagħhom;

J. billi l-aġġornament tar-Regolament (KE) Nru 332/2002 jgħin fl-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi bejn Stati Membri fiż-żona tal-euro u dawk mhux fiż-żona tal-euro u jissimplifika l-proċedura biex tiġi attivata l-faċilità għall-bilanċ ta' pagamenti;

K. billi huwa importanti li jiġi ssalvagwardjat ir-rwol tas-sħab soċjali u jkunu rispettati l-prattiki u l-istituzzjonijiet nazzjonali differenti għall-formazzjoni tal-pagi meta jiġu implimentati r-Regolament (KE) Nru.332/2002 u r-Regolament li jrid jiġi adottat abbażi tal-proposta BoP, b'mod partikolari fl-abbozzar u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' aġġustament makroekonomiku; din hija kwistjoni orizzontali għall-Unjoni kollha u għaldaqstant il-konsistenza bejn l-Istati Membri fiż-żona tal-euro u dawk mhux fiż-żona tal-euro hija motivata f'dan ir-rigward;

1. Jilqa' l-proposta tal-BoP bħala l-ewwel pass biex jintlaħqu kundizzjonijiet ekwi bejn Stati Membri fiż-żona tal-euro u dawk mhux fiż-żona tal-euro; jirrikonoxxi li l-ħidma mhijiex sempliċi minħabba l-karatteristiċi tal-mekkaniżmi li nħolqu reċentament għaż-żona tal-euro;

2. Jemmen li l-għajnuna finanzjarja tal-faċilità għall-bilanċ ta' pagamenti jista' jkollha rwol importanti biex l-Istati Membri jiġu megħjuna jtejbu l-kapaċità amministrattiva tagħhom biex jassorbu l-fondi tal-Unjoni b'mod iktar effikaċi;

3. Huwa tal-opinjoni, madankollu, li numru ta' emendi, imniżżla f'dan ir-rapport interim, huma bżonjużi sabiex jinkiseb riżultat aċċettabbli; għalhekk jitlob, fl-interess tat-teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti, li l-Kunsill u l-Kummissjoni jistennew l-adozzjoni ta' dan ir-rapport interim qabel jadottaw ir-regolament fuq il-bażi tal-proposta BoP;

4. Jissottolinja li l-Artikolu 352 tat-TFUE huwa bażi legali xierqa għar-Regolament li jrid jiġi adottat abbażi tal-proposta BoP u jenfasizza li din il-bażi tippermetti l-istabbiliment ta' tipi ġodda ta' għajnuna finanzjarja tal-Unjoni u ta' qafas għal tali għajnuna lil hinn mill-ambitu tal-għajnuna pprovduta skont l-Artikolu 143 tat-TFUE.

5. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-Kummissjoni ma għamlitx konsultazzjoni estensiva qabel l-adozzjoni tal-proposta BoP, u li l-Kummissjoni ma pprovditx raġunijiet li jissuġġerixxu li dan kien minħabba urġenza eċċezzjonali, kif meħtieġ skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità mehmuża mat-TFUE u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE);

6. Jinnota u jiddispjaċih li ma saret ebda referenza għall-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità kif meħtieġ mill-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità mehmuża mat-TFUE u t-TUE; jitlob lill-Kummissjoni u l-Kunsill jagħmlu referenza espliċita għall-prinċipji msemmija hawn fuq qabel il-preżentazzjoni tal-abbozz tar-Regolament għall-kunsens tal-Parlament Ewropew;

**L-Erbgħa 17 ta' April 2013**

7. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jqisu t-talbiet li ġejjin qabel il-preżentazzjoni tal-abbozz tar-Regolament għall-kunsens tal-Parlament Ewropew:

(i) il-baġit tal-Unjoni huwa l-kollateral aħħari għal kull miżura ta' għajnuna li taqa' taħt il-proposta BoP; f'dan l-isfond, il-Kummissjoni għandha tippreżenta soluzzjonijiet xierqa lil hinn mid-dispożizzjonijiet eżistenti dwar kif ir-rwol tal-Parlament ta' sorveljanza baġitarja tal-baġit tal-Unjoni jista' jitqies b'mod aktar sostanzjali fil-proposta BoP u jiġi implimentat sabiex jippermetti responsabilità vera;

(ii) il-Kummissjoni għandha tiċċara r-relazzjoni bejn kwalunkwe għajnuna li tista' tingħata lil Stat Membru mhux taż-żona tal-euro, skont ir-Regolament (UE) Nru 407/2010 li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja ([1]), u d-dispożizzjonijiet u l-istrumenti stabbiliti skont ir-Regolament li jrid jiġi adottat abbażi tal-proposta BoP wara l-waqfien tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM);

(iii) peress li l-EFSM se jintemm dalwaqt, kif imħabbar mill-mexxejja tal-UE fil-Kunsill Ewropew 2010, fid-dawl tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-MES, il-kapaċità tal-finanzjament pendenti fl-EFSM (bejn wieħed u ieħor EUR 10 000 miljun) tista' tiġi trasferita lill-faċilità BoP, li żżid is-saħħa tiegħu minn EUR 50 000 miljun għal EUR 60 000 miljun; ladarba l-Istati Membri jħallsu lura s-self li jkunu ħadu mal-EFSM, il-garanzija tal-baġit tal-Unjoni ma tibqax meħtieġa għall-ammont rimborsat, b'hekk il-baġit ikun ħieles biex jiggarantixxi self ġdid. Mal-waqfien tal-EFSM, il-kapaċità tal-EFSM li jkun baqa' ma tibqax tintuża fil-qafas tal-EFSM u tista' tintuża minn hemm 'il quddiem taħt il-faċilità BoP;

(iv) l-ebda rabta effettiva jew kundizzjonalità materjali ma għandha tiġi stabbilita bejn il-faċilità BoP u l-użu ta' fondi strutturali fil-proposta BoP; il-kundizzjonijiet relatati mal-użu ta' fondi strutturali għandhom, jekk ikun meħtieġ, jiġu indirizzati fl-att leġiżlattiv relevanti tal-Politika ta' Koeżjoni;

(v) L-Artikolu 2(4) tal-proposta BoP, dwar il-ħtieġa ta' konsultazzjoni mal-Kummissjoni fejn tkun imfittxija għajnuna finanzjarja barra mill-Unjoni, ma għandux japplika għal Stat Membru li jkun qed jirċievi għajnuna finanzjarja fuq bażi prekawzjonarja fil-forma ta' linja ta' kreditu li ma tkunx ikkundizzjonata mill-adozzjoni ta' miżuri ta' politika ġodda mill-Istat Membru kkonċernat, sakemm il-linja ta' kreditu ma tintużax;

(vi) huwa neċessarju li tiżdied it-trasparenza u r-responsabilità fil-proċess ta' sorveljanza msaħħa billi jiġi adattat id-djalogu ekonomiku b'tali mod li jippermetti li kemm il-parlament nazzjonali relevanti kif ukoll il-Parlament Ewropew jistiednu lill-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) għal skambju ta' opinjonijiet;

(vii) il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tagħha biex jingħata self lil Stat Membru flimkien mal-abbozz tal-programm għall-aġġustament makroekonomiku lill-Parlament Ewropew;

(viii) fir-rigward tal-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' self, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu jkun involut inqas fit-tħejjija tal-programmi ta' aġġustament; fl-opinjoni tiegħu dwar il-proposta BoP tas-7 ta' Jannar 2013 (CON/2013/2), il-BĊE jikkunsidra li mhux xieraq li jassumi tali rwol għal Stat Membru mhux fiż-żona tal-euro; għalhekk, kif issuġġerixxa l-BĊE, l-Artikolu 3(3) "li taġixxi b'kooperazzjoni mal-BĊE" u l-Artikolu 3(8) "b'kooperazzjoni mal-BĊE" għandhom jiġu sostitwiti b'"filwaqt li tqis il-fehma tal-BĊE, jekk il-BĊE jiddeċiedi li jagħti parir f'dan ir-rigward";

(ix) inġenerali, huma meħtieġa iktar ċarezza u speċifikazzjonijiet biex jiġi elaborat u vvalutat proramm ta' aġġustament makroekonomiku, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti proċedurali u ta' politika li għandhom l-għan li "terġa' tiġi stabbilita pożizzjoni sostenibbli tal-bilanċ tal-pagamenti u li tiġi rrestawrata l-kapaċità tiegħu li jiffinanzja lilu nnifsu fis-swieq finanzjarji bis-sħiħ";

(x) b'referenza għall-Artikolu 4(1), fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' linja tal-kreditu b'kundizzjonijiet prekawzjonarji (PCCL), il-proposta BoP tibbenefika minn aktar ċarezza operattiva dwar żewġ kunċetti, b'mod partikolari "s-sostenibbiltà tal-pożizzjoni esterna" u l-"preżenza jew nuqqas tal-problemi ta' solvenza tal-banek li jistgħu joħolqu theddid sistemiku għall-istabbiltà tas-sistema bankarja"; b'dak l-iskop, tali kunċetti għandhom ikunu speċifikati direttament fl-Artikolu 4 b'referenzi espliċiti għall-indikaturi xierqa previsti fit-testi relevanti tal-Unjoni (id-DRK IV, il-BERS, ir-regolamenti tal-ASE, "il-pakkett ta' sitt proposti leġiżlattivi", ir-rapporti dwar il-sostenibilità fiskali) jew mill-inqas permezz ta' atti delegati. Bl-istess raġunament l-Artikolu 4 għandu jiċċara b'mod espliċitu li l-

([1]) ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1.

**L-Erbgħa 17 ta' April 2013**

valutazzjoni globali prevista għandha titwettaq mill-Kummissjoni u għandha tiġi ppubblikata, kif xieraq. Mal-kriterji ta' eliġibbiltà, għandha tiżdied ukoll referenza għall-valutazzjonijiet previsti fil-qafas tal-proċedura ta' żbilanċi makroekonomiċi kif stabbilit bir-Regolament (UE) Nru.1176/2011;

(xi) hemm bżonn ta' aktar ċarezza u linji gwida aktar preċiżi fir-rigward tal-Artikolu 4(2) li jirreferu għall-kundizzjonijiet biex tingħata linja tal-kreditu b'aktar kundizzjonijiet (ECCL), tal-proposta BoP dwar il-limiti u l-kriterji tal-valutazzjoni li, kif jintlaħqu, Stat Membru ma jkunx aktar eliġibbli għal PCCL, imma xorta jkun eliġibbli għal ECCL kif ukoll ċarezza dwar il-proċeduri li jwasslu għall-valutazzjoni msemmija f'tali paragrafu;

(xii) hemm bżonn ta' aktar ċarezza fir-rigward tal-Artikolu 6(5) tal-proposta BoP dwar il-proċess ta' tranżizzjoni minn ECCL għal self fil-każ ta' deterjorament fis-sitwazzjoni ekonomika, speċjalment fir-rigward taż-żmien u l-fatturi determinanti ta' dik it-tranżizzjoni;

(xiii) għandu jiġi stabbilit strument indirett tar-rikapitalizzazzjoni tal-banek għal Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro, b'mod partikolari fid-dawl tal-parteċipazzjoni potenzjali ta' dawn l-Istati Membri fil-mekkaniżmu ta' superviżjoni unika li ġej u fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu pprovduti b'garanzija ta' kontinġenza fiskali aħħarija.

Strument indirett tar-rikapitalizzazzjoni tal-banek huwa propost minflok wieħed dirett għax, li kieku dan tal-aħħar kellu jitwaqqaf fil-qafas tal-BoP, dan jesponi direttament il-baġit tal-Unjoni għar-riskju ppreżentat mill-istituzzjoni finanzjarja li tkun qed tiġi rikapitalizzata.

Dak l-istrument indirett għandu jieħu l-forma ta' self għar-rikapitalizzazzjoni tal-banek, flimkien mat-tliet strumenti eżistenti għall-għajnuna finanzjarja skont il-BoP (PCCLs, ECCLs u self). Ma hemm l-ebda oġġezzjoni legali li tostakola s-self għal rikapitalizzazzjoni tal-banek, li jiġi żborżjat lill-gvern tal-Istat Membru kkonċernat bl-iskop tar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji tiegħu, b'kundizzjonalità stretta;

(xiv) barra l-istrument indirett tar-rikapitalizzazzjoni tal-banek ta' hawn fuq, tista' titqies il-possibilità li jinbidel it-trattat tal-MES u li tippermetti lil Stati Membri mhux tal-euro, li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu superviżorju uniku, li jibbenefikaw mill-għodda tar-rikapitalizzazzjoni tal-banek tal-MES, kemm il-darba l-parteċipazzjoni fl-MSU u l-MES tkun permanenti u tipprevedi l-istess drittijiet u obbligi bħall-Istati Membri tal-Euro. F'dak il-każ, l-Istati Membri jagħmlu kontribut tal-kapital speċifikament lill-istrument tar-rikapitalizzazzjoni tal-banek tal-MES.

Għandha tiġi esplorata u żviluppata aktar l-idea li jitwaqqaf sussidjarju tal-MES biex jintuża għar-rikapitalizzazzjoni diretta, li jillimita l-impatt negattiv li jista' jkollu x-xiri tal-ekwità bankarja fuq il-klassifikazzjoni tal-kreditu u l-kapaċità ta' self tal-MES, bil-għan li jiġbor fih ukoll dawk l-Istati Membri mhux tal-euro li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu superviżorju uniku;

(xv) wieħed għandu jżomm f'moħħu li kwalunkwe fond uniku ta' riżoluzzjoni bankarja futur, bħala parti mill-qafas tal-unjoni bankarja, għandu jkun ukoll inklużiv fir-rigward ta' Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro;

(xvi) il-ftehim finali tat-timijiet tan-negozjati tal-Parlament u tal-Kunsill dwar is-sustanza tad-dokument Gauzès huwa milqugħ imma huwa importanti li r-Regolament li jrid jiġi adottat abbażi tal-proposta BoP jirrifletti l-qagħda attwali, b'mod partikolari fir-rigward ta':

— trasparenza tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (Artikoli 2(3) u 2(5) tad-dokument Gauzès);

— speċifikazzjonijiet rigward it-titjib tal-effiċjenza u l-effettività tal-kapaċità tal-ġbir ta' dħul u l-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni fiskali, bl-għan li jiġi salvagwardjat l-introjtu fiskali (l-Artikolu 9 tad-dokument Gauzès);

— parametri li jridu jitqiesu meta Stat Membru jiġi soġġett għal sorveljanza miżjuda (Artikolu2(1)) u speċifikazzjonijiet għall-imġiba ta' Stati Membri taħt sorveljanza miżjuda, inkluż il-fatt li jissemma rwol adattat għall-BĊE (Artikolu 3(1)) kif imsemmi fil-punt (viii) ta' dan il-paragrafu;

**L-Erbgħa 17 ta' April 2013**

— trasparenza u responsabilità quddiem il-Parlament Ewropew u fejn ikun relevanti quddiem il-parlamenti nazzjonali, inklużi obbligi li jiġu żvelati l-programmi ta' aġġustament makroekonomiku u d-distribuzzjoni mistennija tal-isforz ta' aġġustament (l-Artikoli 2, 3, 7 u 18 tad-dokument Gauzès);

— il-kunsiderazzjoni tal-prattika u l-istituzzjonijiet għall-formazzjoni tal-pagi u l-osservanza tal-Artikoli 151 u 152 TFUE u tal-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tal-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet rigward l-obbligu li jiġu involuti s-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili bi qbil mal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali;

— speċifikazzjonijiet rigward l-evalwazzjoni dwar l-analiżi tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern, inklużi rekwiżiti ta' żvelar (l-Artikolu 6 tad-dokument Gauzès);

— speċifikazzjonijiet addizzjonali rigward il-mandat tal-għajnuna teknika pprovduta lill-Istati Membri fil-programm (l-Artikolu 7(8) tad-dokument Gauzès);

— il-bżonn ta' previżjonijiet realistiċi, aġġornati ***u żvelati*** (***l-Artikoli 6 u*** 7(5) tad-dokument Gauzès);

— ir-rikonoxximent u r-rwol tal-effetti kollaterali (l-Artikolu 1(1), l-Artikolu 3(6) u l-Artikolu 7(5) tad-dokument Gauzès);

— awditjar komprensiv tal-finanzi pubbliċi ta' Stat Membru fil-programm ta' aġġustament makroekonomiku (Artikolu 7(9) tad-dokument Gauzès);

— valutazzjoni dwar jekk id-devjazzjonijiet mill-programm humiex fil-kontroll ta' Stat Membru jew lil hinn minnu, valutazzjoni dwar il-konsegwenzi li jirriżultaw mill-programm ta' aġġustament makroekonomiku u l-protezzjoni espliċita tas-setturi tal-kura tas-saħħa u tal-edukazzjoni (l-Artikoli 7(5) u 7(7) tad-dokument Gauzès);

— l-Istat Membru taħt għajnuna għandu jqis, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, jekk jiħux il-miżuri neċessarji kollha biex jistieden investituri privati biex iżommu l-esponiment globali tagħhom fuq bażi volontarja (l-Artikolu 7(6) tad-dokument Gauzès);

— djalogu ekonomiku mal-Kummissjoni, il-BĊE u l-FMI (Artikolu 3(9) tad-dokument Gauzès);

— komunikazzjoni regolari tal-valutazzjoni tal-missjoni ta' rieżami fis-sorveljanza ta' wara l-programm lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u l-parlament tal-Istat Membru kkonċernat, inkluża l-possibilità li jsir djalogu ekonomiku (l-Artikoli 14(3) u 14(5) tad-dokument Gauzès);

— votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata bil-maqlub fil-Kunsill fir-rigward ta' miżuri korrettivi taħt sorveljanza ta' wara l-programm (Artikolu 14(4) tad-dokument Gauzès);

— rapport dwar rieżami tar-Regolament li jrid jiġi adottat abbażi tal-proposta BoP (bi qbil mal-Artikolu 19 tad-dokument Gauzès);

(xvii) L-Artikolu 6(2) tal-proposta BoP dwar sorveljanza miżjuda jintegra ċertu numru ta' elementi li jirriflettu s-sustanza tad-dokument Ferreira. Għalhekk, il-proposta BoP għandha tiġi aġġornata bil-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi sabiex jiġi rifless il-ftehim tat-timijiet tan-negozjati tal-Parlament u tal-Kunsill dwar il-partijiet relevanti tad-dokument Ferreira, b'mod partikolari:

— dwar standards u proċeduri rigward speċifikazzjonijiet għar-rekwiżiti ta' rappurtar, inklużi atti delegati għal dawk ir-rekwiżiti ta' rappurtar (l-Artikolu 10 tad-dokument Ferreira);

— rekwiżiti ta' monitoraġġ dwar il-kwalità tal-finanzi pubbliċi inklużi dispożizzjonijiet rigward l-impatt tal-miżuri baġitarji previsti fuq il-miri mfassla mill-Istrateġija għat-Tkabbir u l-Impjiegi tal-Unjoni (miri UE2020) u l-adattamenti li jinvolvi programm ta' għajnuna għall-Programmi ta' Riforma Nazzjonali, kif ukoll deskrizzjoni u kwantifikazzjoni tal-miżuri baġitarji, inklużi r-riformi previsti tal-politika fiskali, u l-effetti kollaterali potenzjali tal-miżuri previsti għal Stati Membri oħrajn (l-Artikolu 6 tad-dokument Ferreira);

**L-Erbgħa 17 ta' April 2013**

— indikazzjonijiet dwar ir-redditu ekonomiku mistenni fuq proġetti ta' investiment pubbliku mhux ta' difiża li jkollhom impatt baġitarju sinifikanti (l-Artikolu 4(1) tad-dokument Ferreira);

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u lill-Fond Monetarju Internazzjonali.

---

P7_TA(2013)0176

## Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew (2011)

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2013 dwar ir-Rapport Annwali għall-2011 tal-Bank Ċentrali Ewropew (2012/2304(INI))**

(2016/C 045/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali għall-2011 tal-Bank Ċentrali Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 284 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 15 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' April 1998 dwar ir-responsabilità demokratika fit-tielet fażi tal-UEM ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar ir-Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għall-2010 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 119(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0031/2013),

A. billi t-tkabbir tal-PDG reali fiż-żona tal-euro kien ta' 1,5 % fl-2011, li jirrappreżenta tnaqqis minn 1,9 % fl-2010; billi bosta Stati Membri esperjenzaw tnaqqis kbir fir-ritmu ekonomiku matul l-istess perjodu;

B. billi l-qgħad fiż-żona tal-euro żdied minn 10 % fi tmiem l-2010 għal 10,7 % fi tmiem l-2011; billi l-qgħad fost iż-żgħażagħ żdied b'mod sinifikanti matul l-istess perjodu;

C. billi nħolqu madwar 14,4 miljun impjieg ġdid fiż-żona tal-euro mill-1999, meta mqabbel ma' madwar 10,7 miljun fl-Istati Uniti;

D. billi, fl-2011, il-BĊE żied darbtejn ir-rati tal-imgħax, f'April u f'Lulju (b'25 punt bażi kull darba) u naqqashom darbtejn fit-tmiem is-sena, f'Novembru u f'Diċembru (għal darba oħra b'25 punt bażi kull darba);

E. billi r-rata ta' inflazzjoni medja fiż-żona tal-euro telgħet għal 2,7 % fl-2011, minn 1,6 % fl-2010 u t-tkabbir tal-M3 niżel għal 1,5 % fl-2011, minn 1,7 % fl-2010;

F. billi d-dikjarazzjoni finanzjarja kkonsolidata tal-Eurosistema laħqet EUR 2,735 biljun fl-aħħar tal-2011, ammont li jirrappreżenta żieda ta' madwar 36 % matul l-2011;

G. billi l-BĊE nieda l-ewwel Operazzjoni ta' Rifinanzjament fit-Tul (LTRO) ta' tliet snin fil-21 ta' Diċembru 2011, li allokat EUR 489,2 biljun f'self b'maturità ta' tliet snin;

H. billi t-tkabbir tal-kreditu lis-settur privat naqas b'mod sinifikanti minn 1,6 % fl-2010 għal 0,4 % fl-2011, u s-self lis-settur privat naqas minn 2,4 % fl-2010 għal 1,2 % fl-2011;

---

([1]) ĠU C 138, 4.5.1998, p. 177.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0530.